**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit - Education Division

**Form 3** **STORJA (ĠENERALI)** **Ħin: 1h 30 min**

**Name:** ______________________ **Class:** ____________

## 1. Agħżel ĦAMSA u ikteb sentenza dwar kull waħda biex turi t-tifsira tagħhom:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Kapitlu Ġenerali** | **Mandraġġ** | **Collacchio** | **Monti tal-Pietà** |
| **Bastjun** | **Barokk** | **Kursar** | **Kapitulazzjoni** |

1.1 ______________________________________________

______________________________________________

1.2 ______________________________________________

______________________________________________

1.3 ______________________________________________

______________________________________________

1.4 ______________________________________________

______________________________________________

1.5 ______________________________________________

______________________________________________

**(5 x 2 = 10 marki)**

## 2. Wieġeb billi timla l-vojt b'kelma li toqgħod.

2.1 Battalja famuża bejn il-flotta ta' l-Insara u dik Torka fl-1571:

______________________

2.2 Ordni li kien joħroġ il-Granmastru biex jinqara lill-Maltin:

______________________

2.3 L-isptar ta' l-Ordni fil-Belt Valletta:

______________________

2.4 Proġett li kien tlesta fl-1615 u li permezz tiegħu kien twassal l-ilma fil-Belt Valletta

______________________

2.5 L-ordni reliġjuża li kienet tkeċċiet minn Malta mill-Granmastru Pinto fl-1769:

______________________

**(5 x 2 = 10 marki)**

**3. Qabbel dawn il-persunaġġi mill-istorja ta' l-Ewropa mar-rabta li kellhom fl-istorja ta' Malta. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Filippu II | kien l-arkitett li għamel il-pjanta tal-Belt Valletta fl-1566. | |
| **2** | Francesco Laparelli | kien ir-re ta' Spanja li bagħat l-għajnuna lill-Kavallieri fl-Assedju l-Kbir. | **1** |
| **3** | Caravaggio | kien it-Tzar tar-Russja li sar il-Protettur ta' l-Ordni fl-1797. | |
| **4** | François de Mondion | bagħat xwieni Ingliżi jimblukkaw il-Port kontra l-Franċiżi. | |
| **5** | Claude Henri Vaubois | għen lill-Kavallieri fil-bini tal-Belt Valletta. | |
| **6** | Pawlu I | kien l-arkitett li rnexxielu jlesti l-proġett ta' l-akwidott. | |
| **7** | Lord Nelson | kien il-Ġeneral li mexxa l-flotta Franċiża f'Malta fl-1798. | |
| **8** | Piju V | kien ir-re ta' Sqallija li għen lill-Maltin wara l-irvell kontra l-Franċiżi. | |
| **9** | Bondatino Bontadini | għamel il-pjanti ta' ħafna bini fuq stil barokk fil-Belt Valletta u fl-Imdina. | |
| **10** | Napuljun Bonaparti | kien il-Gvernatur ta' Malta matul l-okkupazzjoni Franċiża. | |
| **11** | Ferdinandu IV | pitter bosta kwadri famużi f'Malta fil-bidu tas-seklu 17. | |

**(5 x 2 = 10 marki)**

**4. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom:**



Sors A - Is-*San Giovanni*



Sors B - Is-*San Francesco*

**Sors A - Is-*San Ġiovanni***

**Sors B - Is-*San Francesco***

4.1 Ta' liema qawwa kienu l-iġfna li jidhru hawn fuq? ____________________________ (1)

4.2 Min x'hiex indunajt b'dan? ____________________________________________ (2)

4.3 Biex kienu jintramaw għall-ġlied iġfna bħal dawn? ___________________________ (1)

4.4 Għaliex dawn l-iġfna għandhom ismijiet ta' qaddisin insara?

______________________________________________________ (2)

4.5 Kontra min kienu jiġġieldu bi xwieni bħal dawn? ______________________ (1)

4.6 X'kienet tissejjaħ l-industrija marbuta ma' ġlied bħal dan fuq il-baħar?__________ (1)

4.7 Semmi tliet xogħlijiet li kienu jagħmlu rġiel Maltin li jaħdmu f'din l-industrija.

_________________ _________________ _________________ (3)

4.8 Kif spiċċat din l-industrija minn Malta?

______________________________________________________ (2)

4.9 Liema minn dawn kienu tipi ta' iġfna użati minn din il-qawwa tal-baħar f' Malta?

Agħżel tnejn: (baċir, bokkaport, galera. bastiment, vaxxell, barkun) (2)

**(Total = 15-il marka)**

## 5. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom:



**Bieb il-Forti Manwel**



**Il-Funtana ta' l-Iljun**



**It-Teatru Manwel**

5.1 Ma' liema Granmastru għandhom x'jaqsmu dawn it-tliet postijiet li jidhru hawn fuq?

______________________________________________________ (2)

5.2 F'liema seklu kien imexxi dan il-Granmastru?
(fis-seklu 16, fis-seklu 17, jew fis-seklu 18) (1)

5.3 (i) Liema stil arkitettoniku (tal-bini) kien komuni ħafna fi żmienu f'Malta u fl-Ewropa? ______________________________________ (1)

(ii) Liema karatteristika ewlenija li minnha jintgħaraf dan l-istil arkitettoniku?

______________________________________________________ (2)

5.4 Semmi l-post fejn jinsab kull wieħed mill-bini li jidhru fis-sorsi hawn fuq:

(i) Bieb Forti Manwel: ______________________ (1)

(ii) it-Teatru Manwel: ______________________ (1)

(iii) il-Funtana ta' l-Iljun: ______________________ (1)

5.5 Permezz ta' sentenza għid x'qed isir mill-Forti Manwel illum.

______________________

______________________ (2)

5.6 Dan l-istess Granmastru ta importanza speċjali lill-Imdina.

(i) Għaliex ta din l-importanza kollha lil din il-belt?

______________________

______________________ (2)

(ii) Semmi żewġ proġetti li saru f'din il-belt fiż-żmien li hu kien Granmastru.

______________________

______________________ (2)

**(Total = 15-il marka)**

## 6. Ikteb fuq TNEJN minn dawn il-proġetti ewlenin li għamlu l-Kavallieri matul il-ħakma tagħhom f'Malta. Ikteb madwar 50 kelma fuq kull tema.

6.1 Il-bini tal-Belt Valletta
6.2 Id-difiża ta' madwar ix-xtut ta' Malta u Għawdex
6.3 Is-*Sacra Infermerija*
6.4 Ir-restawr u t-tisbieħ ta' l-Imdina mill-Granmastru Vilhena
6.5 It-twaqqif ta' l-Università ta' Studji mill-Granmastru Pinto

**(Total = 10 x 2 = 20 marka)**

## 7. Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb komponiment dwaru:

7.1 X'kienu l-konsegwenzi ta' l-Assedju l-Kbir fuq il-ġejjieni:
(i) ta' l-Ordni ta' San Ġwann?
(ii) tal-Maltin li għexu f'dak iż-żmien? (10 x 2 = 20 marka)

7.2 X'titjib sar fil-ħajja soċjali tal-Maltin matul il-ħakma tal-Kavallieri fis-sekli 17 u 18? (20 marka)

7.3 (i) Spjega kif u għaliex l-Ordni ta' San Ġwann iddgħajfet matul is-seklu 18.
(ii) X'effett kellu dan fuq il-ħajja tal-Maltin ta' dak iż-żmien? (10 x 2 = 20 marka)

7.4 X'bidliet ġabu l-Franċiżi fil-gżejjer Maltin fl-1798? Uri kif u għaliex bosta minn dawn il-bidliet ma ntlaqgħux tajjeb mill-Maltin ta' dak iż-żmien. (20 marka)

7.5 L-Inkwiżizzjoni daħlet f'Malta fuq talba tal-Granmastru La Cassière fl-1574.
(i) X'kienet l-Inkwiżizzjoni u għaliex daħlet f'Malta?
(ii) X'effett kellha l-Inkwiżizzjoni fuq il-ħajja tal-Maltin? (10 x 2 = 20 marka)